**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 308/2016**

**Corradina Miloro (karta tal-identità Taljana numru AR 1119972) ezercenti l-kummerc taht l-isem MC Restauri.**

**vs**

**A.F.Ellis (Home Decor) Limited (C28050)**
**Registratur tac-Centru Malti tal-Arbitragg**

**Illum 02 ta' Mejju 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti u s-socjetà intimata AF Ellis (Home Decor) kienu shab f'appalt pubbliku li sussegwentement bi ftehim u hlas ta' kumpens, beda

u gie konkluz unikament mir-rikorrenti minkejja li baqa' qua appalt fuq isimhom it-tnejn bhala joint venture.

Illi waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt is-socjetà intimata irrifjutat li tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tircievi fuq isimha r-rifuzjoni statutorji tat-taxxa fuq il-valur mizjud, liema kwistjoni kienet tifforma parti mill-mertu tal-Arbitragg numru 3620/2013 fl-ismijiet Dr. Corradina Miloro ezercenti l-kummerc taht l-isem MC Restauri vs AF Ellis (Home Decor) Limited deciza favur ir-rikorrenti fis-7 ta' Novembru 2014.

Illi fid-decizjoni tal-arbitru li biha giet deciza l-kwistjoni l-arbitru iddecieda li l-ispejjez kellhom ikunu kollha a karigu tas-socjeta' AF Ellis (Home Decor) Limited.

Illi sussegwentement l-istess socjetà AF Ellis (Home Decor) Limited oggezzjonat mac-Centru tal-Arbitragg ghall-hrug tat-taxxa dwar l-ispejjez abbazi tal-argument li l-ligi li twaqqaf ic-Centru tal-Arbitragg ma taghtix poter lir-Registratur tintaxxa taxxi dwar spejjez u drittijiet f'arbitraggi u fil-fatt it-taxxa rilaxxata mic-Centru ghall-Arbitraggi giet irtirata.

Illi minhabba din il-lacuna, fis-sitwazzjoni odjerna, fejn l-arbitru ddecieda min kellu jbati l-ispejjez, izda ma llikwidahomx bhala cifri, ir-rikorrenti m'ghandhiex mezz ta' intaxxar tal-imsemmija spejjez ghaliex hemm l-imsemmi nuqqas, minkejja li ghandha d-dritt moghti lilha li tirkupra dawn l-ispejjez u drittijiet dovuti lill-konsulent legali taghha.

Jghidu l-intimati l-ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati li:

1. Tiddetermina l-valur tal-Arbitragg numru 3620/13 fl-ismijiet 'Dr. Corradina Miloro ezercenti l-kummerc taht l-isem M.C. Restauri vs

A.F. Ellis (Home Decor) Limited, decizi fis-7 ta' Novembru 2014, sabiex abbazi tieghu jinhadmu l-ispejjez tal-istess arbitragg.

2. Tistabilixxi l-ispejjez u drittijiet dovuti lic-Centru tal-Arbitragg ghall-imsemmi arbitragg, dawk dovuti lill-arbitru, u dawk dovuti lill-avukat patrocinanti tar-rikorrenti, flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

3. Konsegwentament tiddikjara jekk l-ispejjez mitluba mic-Centru tal-Arbitragg, kemm dawk dovuti lilha kif ukoll lill-arbitru kienux korretti u jekk le tordna r-rifuzjoni tal-ammont imhallas zejjed mir-rikorrenti.

4. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti l-ispejjez kollha dovuti ghall-imsemmi arbitragg hekk kif likwidati minn din l-istess Onorabbli Qorti, oltre l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tar-Registratur ghac-Centru Malti tal-Arbitragg li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok ir-Registratur esponenti mhijiex il-legittima kuntradittrici tat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba l-mod kif hija mpustata l-kawza odjerna. Dan ghaliex jekk huwa minnu li l-esponenti m'ghandhiex il-poter tintaxxa taxxi dwar spejjez u drittijiet, kif tistqarr ir-rikorrenti, allura r-Registratur ma ghandha l-ebda rwol f'din il-kawza. Mill-banda l-ohra jekk ghandha tali dritt u hija legittima

kuntradittrici allura l-premessa li fuqha hija bbazata din il-kawza hija fattwalment skorretta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u sahansitra kuntradittorji ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi

Rat ukoll ir-risposta tas-socjetà A.F. Ellis (Home Decor) Limited (C28050) li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-attrici u s-socjetà konvenuta ftehmu permezz tal-klawsola 10 tal-ftehim taghhom tas-17 ta' Lulju 2010 illi jirrisolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom b'arbitragg.

2. Illi fit-tieni lok, u preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà konvenuta hija residenti Ghawdex u ghaldaqstant, tgawdi mill-privilegium fori u kellha tigi ccitata fil-Qorti t'Ghawdex.

3. Illi fit-tielet lok u preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, kellu jkun it-Tribunal ta' l-Arbitragg illi jiffissa l-ispejjez u drittijiet ta' l-Arbitragg Nru 3620/13 bejn l-attrici u s-socjetà konvenuta u galadarba l-attrici naqset illi tappella kemm mil-lodo arbitrali originali kif ukoll dak addizzjonali illi t-tnejn naqsu illi jiffissaw tali spejjez u drittijiet, il-kontrovesja llum hija res judicata u ma tistax titqanqal f'foro iehor illi m'ghandux il-kompetenza illi jiddeciedi l-kontroversja.

4. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammonti talvolta dovuti lill-attrici ghandhom jigu pacuti b'ammonti dovuti lis-socjetà konvenuta mill-attrici kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet ghan-nom tar-rikorrenti.

Semghet is-sottomissjonijiet ghan-nom tal-intimata Registratur tac-Centru tal-Arbitragg.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata A.F.Ellis (Home Decor) Limited tat-12 ta' Marzu 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mressqa mis-socjetà intimata.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetà intimata ressqet zewg eccezzjonijiet preliminari. Din il-Qorti se tghaddi biex tikunnsidrahom wahda wahda.

L-ewwel eccezzjoni preliminari tghid:

> "Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-attrici u s-socjetà konvenuta ftehmu permezz tal-klawsola 10 tal-ftehim taghhom tas-17 ta' Lulju 2010 illi jirrisolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom b'arbitragg."

Illi din l-eccezzjoni digà giet diskussi f'diversi okkazjonijiet mill-Qrati taghna. Originarjament kien hemm l-ideja li meta jkun hemm klawsola ta' Arbitragg fil-ftehim li jorbot il-partijiet, allura dan kien jeskludi l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji. Dan it-tezi però maz-zmien inbidlet u llum il-principju huwa dijametrikament oppost.

In linea generali l-Artiklu 742 tal-Kapitolu 12 jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna. Meta d-disposizzjoni kienet emendata bl-Artikolu 283 tal-Att XXIV tal-1995 kienu introdotti inter alia s-subincizi (3) u (4) li jaqraw hekk:

> *"(3) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas-setgha li ghandha l- qorti li taghti kull ordni jew direttiva.*
>
> *(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kawtelatorju, f'liema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta' ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju."*

Dwar l-Artiklu 742(3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Mejju 1998 fil-kawza 'Camilleri vs Zammit noe' qalet hekk:

"... il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita' ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita' tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika. (ara wkoll – fejn rilevanti ghall-kaz tal-lum – Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012).

Dan premess, ghandu jinghad illi in linea generali il-Qrati taghna qiesu bhala validi klawsoli inseriti f'kuntratti li jeskludu l-gurisdizzjoni taghhom a favur ta' proceduri arbitrali u dan in omagg ghall-volonta' libera tal-partijiet (Appell Kummercjali : Vella vs Mamo noe : 13 ta' Ottubru 1994 ; u PA/FS : Grech vs Cutajar et : 1 ta' Dicembru 2008 fost ohrajn). Cio' nonostante, anke qabel l-emendi tal-1995, il-Qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li tissindaka l-ezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : Xuereb vs Accountant General : 28 ta' Frar 1997 ; u Prim Awla Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited fost ohrajn). Bl-emendi tal-1995, dak li fil-prattika kien isir mill-qrati taghna, sar ligi."

Aktar ricenti fis-sentenza moghtija fit-8 ta' Novembru 2013 il-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Cobra Installations Limited (C-34330) vs Stephen Caruana' qalet li:

> "L-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-fethim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew l-imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu il-procedimenti."

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li t-talba ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti, ghandha ssir lill-Qorti permezz ta' Rikors qabel ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti. Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li s-subartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta – introdott bis-sahha ta' l-Att XXXI ta' l-2002 – jipprovdi li "mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skont is-subartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mill-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interott u

ghandu jerga’ jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni”.

Fil-kaz in ezami s-socjetà konvenuta kjarament ma segwietx il-procedura stabbilita fl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta izda, kuntrarjament ghal dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi, una volta notifikata bir-Rikors promotur fil-02 ta’ Jannar 2017 ipprocediet billi tressaq l-eccezzjonijiet taghha – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici b’risposta pprezentata fis-14 ta’ Marzu 2017. It-talba ghall- waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta’ ftehim ta’ arbitragg bejnha u bejn l-attrici ma gietx imressqa mis-socjetà konvenuta permezz ta’ rikors izda fil-forma ta’ eccezzjoni preliminari fir-risposta taghha.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana tat-08 ta’ Novembru 2013, ikkonfermat is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti u qalet hekk:

> “L-imsemmija disposizzjonijiet (b’referenza ghas-subartikolu (3) u (4) tal-Artikolu 742) kjarament jiddisponu li l-Qorti ordinarja ghandha dejjem kompetenza li tiddeciedi kwestjonijet relatati ma ftehim li jinkorpora fih klawsola arbitrali. Ghalhekk klawsola arbitrali ma teskludix il-kompetenza tal-qorti ordinarja anke jekk ikun gia nbeda procediment quddiem l-arbitragg. Inoltre l-qorti tista tghati kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa fir-rigward tal-istess arbitragg. Jidher li l-ghan tal-imsemmi artikolu 742(3) hu li tigi enfasizzata r-regola li fi kwalunkwe kaz hi dejjem il- qorti ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-thaddim ta’ klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti principalment hu regolatorju però ghandha ukoll il-kompetenza li tiddeciedi kwestjoni li jistghu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali.”

Ghandu jinghad li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghall-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 tal- Ligijiet ta’ Malta. Hu rilevanti li f’dan l-istadju jigi riprodott testwalment dan l-artikolu li jipprovdi – ‘Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta’ arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal- parti, tibda xi procedimenti legali f’qorti kontra kull parti ohra fi ftehim ta’ arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta’ dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f’dawk il-procedimenti legali tista’ f’kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta’ arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Rikors jista’ jsir minkejja li l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta’ rizoluzzjoni ta’ kwistjonijiet.’

Ghalhekk skont dawn il-provedimenti fil-kaz li parti ghall-ftehim ta’ arbitragg, tipprocedi kontra l-parti l-ohra ghall-istess ftehim, quddiem xi qorti, l-parti citata ghandha zmien sakemm tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha, biex il-procediment quddiem il-qorti jitwaqqaf u tali talba trid eventwalment tigi milqughha. Dan ghandu jitqies bhala terminu perentorju stante li jekk l-imsemmija talba ma ssirx qabel l-imsemmi stadju l-process quddiem il-Qorti jibqa ghaddej sakemm il-kwestjoni tigi deciza b’mod finali.

Ghalhekk il-parti li tkun giet citata ghandha l-fakoltà li taghzel jew li tkompli bil-process quddiem il-Qorti ordinarja jew li titlob li dak il-process quddiem il-Qorti ordinarja jitwaqqaf sabiex il-kwestjoni tigi deciza mill-arbitragg. F’dan il-kaz it-talba sabiex il-procediment quddiem il-Qorti jitwaqqaf trid issir tassattivament entro l-imsemmi terminu. Hawnhekk l-artikolu hu ta’ natura

tassattiva u cioè t-talba ghat-twaqqif ghandha ssir b'rikors presentat qabel ma jigu prezentati l-eccezzjonijiet. Kwindi jekk tali rikors ma jigix prezentat il-procediment quddiem il-qorti ordinarja ghandu jibqa ghaddej.

Il-Qorti tal-Appell kompliet tghid:

> "Sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li applikat dawn il-provedimenti, li wassluha biex tirrigetta l-eccezzjoni in kwestjoni. L-ewwel Qorti, f'dan ir-rigward, ikkonsidrat li talba ghall-waqfien ta' proceduri quddiem qorti minhabba l-ezistenza ta' klawsola arbitrali, ma tistax titressaq quddiem l-istess qorti per via d'eccezione izda, ghandha issir talba specifika b'rikors qabel ma tigi prezentata n-nota tal-eccezzjonijiet. L-ewwel Qorti rriteniet, korrettement, li l-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 jikkomplimenta l-artikolu 742(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet. Kwindi, fi kwalunkwe kaz, it- talba biex l-ewwel Qorti twaqqaf il-procediment quddiemha ma kelliex issir fin-nota tal-eccezzjonijiet izda kellha ssir qabel ma tigi prezentata l-istess nota. F'dan il-kaz it-talba ghat-twaqqif tal-procediment zgur li ma saritx qabel il-prezentata tal-eccezzjonijiet u kwindi l-istess ghandha titqies li ma saritx fit-terminu li trid il-ligi. Kwindi, skont l-ewwel Qorti, t-talba tal-konvenut ghall-waqfien ta' dawn il-proceduri: hi proceduralment inammissibbli u ghaldaqstant ma tistax tigi milqugha.
>
> Ghalhekk hu car li l-ligi ddelineat norma preciza ta' procedura li ghandha dejjem tigi segwita. Din il-Qorti tqis li, hawnhekk, il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti huma, fi kwalunkwe kaz, gusti u ekwi anke tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

> Tordna li dawn l-atti jigu kollha rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tkompli tittratta din il-kawza sabiex l-istess tigi deciza skond il-ligi."

Fil-kaz in ezami, l-attrici u s-socjetà intimata ssottomettew ruhhom ghall-Arbitragg biex isolvu l-pendenzi bejniethom. Izda fil-Lodo originali ghalkemm kien hemm dikjarazzjoni dwar min ghandu jbati l-ispejjez, tali spejjez però ma gewx likwidati. L-ispejjez imbaghad gew intaxxati mir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg. Is-socjetà intimata opponiet tali taxxa ghaliex tghid li r-Registratur m'ghandux dritt johrog taxxa. Ghalhek l-attrici rrikorriet quddiem il-Qorti ordinarja. Rinfaccata b'din il-kawza, s-socjetà intimata eccepiet li l-Qorti ordinarja m'ghandhiex kompetenza tisma' l-kawza stante li l-partijiet huma marbutin bil-klawsola tal-Arbitragg.

Ghandu jinghad li s-socjetà intimata qed tbiddel il-posizzjoni taghha dwar din il-klawsola tal-Arbitragg skont l-ezigenzi taghha u skont kemm tali klawsola tkun konvenjenti o meno ghall-interessi taghha.

Il-Qorti però ma tistax timxi b'dan il-mod. Ghalhekk, in vista ta' dak kollu li inghad fuq, il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjetà intimata u tiddikjara illi hija kompetenti li tisma' l-kawza odjerna. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt illi s-socjetà intimata kkontestat it-taxxa mahruga mic-Centru ghall-Arbitragg u konsegwentament allura kwalunkwe talba ghall-decizjoni dwar l-istess allura tista' tittiehed biss quddiem il-Qorti ordinarja.

In oltre fid-dawl ta' dak kjarament dispost fl-Artikolu 15(3) tal- Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u ulterjorment ikkonfermat fis-subartikolu (8) tal-imsemmi artikolu tal-Ligi, l-Qorti hija tal-fehma li t-talba tas-socjetà konvenuta ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg

bejnu u l-attrici, kif minnha promossa hija proceduralment inammissibbli u ghaldaqstant m'ghandhiex tigi milqugha.

**It-Tieni eccezzjoni preliminari**

Il-Qorti issa se tghaddi biex tikkunsidra t-tieni eccezzjoni preliminari li tghid:

> *Illi fit-tieni lok, u preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta hija residenti Ghawdex u ghaldaqstant, tgawdi mill-privilegium fori u kellha tigi ccitata fil-Qorti t'Ghawdex.*

Illi din l-eccezzjoni tal-privilegium fori hija regolata mill-Artiklu 767 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Persuni li joqghodu f'Ghawdex ghandhom id-dritt, meta jkunu konvenuti f'kawzi, li jigu msejha quddiem il-qrati f'Ghawdex (Artikolu 767 tal-Kap. 12):-

> *"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill- persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer."*

L-istess beneficcju jappartjeni lill-persuni residenti f'Malta: privilegg li jiddipartixxi mill-principju li l-attur ghandu jaghmel il-kawza fil-post fejn jinsab l-oggett (res) li dwaru hemm il-kontestazzjoni.

Izda l-privilegium fori jispicca:-

1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu ndaqs (Artikolu 769).

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi esegwita fi Gzira partikolari (Artikolu 770).
3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (Artikolu 772).

Illi però kif digà gie rilevat, hemm eccezzjoni ghal din ir-regola skont l-artikolu 770 tal-Kap 12 fejn jinghad li l-privilegium fori jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Kwindi l-ligi hija tassattiva u ma thalli lok ghal ebda tip ta' interpretazzjoni. F'kazijiet li jaqghu fit-termini ta' l-artikolu 770 tal-Kap 12, l-intimat ma jibqalux aktar id-dritt li jinvoka l-beneficcju li jigi mharrek quddiem qorti partikolari. Dan ifisser li meta l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tigi esegwita f'Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti f'Malta ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta' Ghawdex.

Il-principju ewlieni li dejjem gie segwit mill-qrati taghna kien illi, fejn in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fi gzira partikolari, dik il-gzira kellha kompetenza tisma' l-kawza.

B'referenza ghall-artikolu 770 tal-Kap 12 intqal fil-kawza fl-ismijiet Maria Bezzina vs J Grech Ltd inghad:

> *"Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f'kaz ta' obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit- Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "....il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell'una delle dette isole determinatamente."*

Fil-kawza fl-ismijiet Angelo Zammit vs Michele Debono deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta’ Frar 1917 (Volum XXIII.iii.495) inghad:

> *“Che questa disposizione contempla evidentemente l’esecuzione di un’obbligazione contrattuale, non potendo le espressioni ‘il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare’, riferirsi ad un’obbligazione come quella che nel caso si pretende fare derivare ex delicto, cioe’ dal dolo praticato dal convenuto;*
>
> *Che per l’applicazione della disposizione citata e’ mestiere che tra il creditore ed il debitore sia intervenuto un patto per cui l’obbligazione si debba eseguire in una delle isole determinatamente; e la esistenza di un tale patto e’ inconcepibile nelle obbligazioni fondate sulla colpa extra-contrattuale."*

Illi fil-kaz in ezami mid-dokumenti in atti jirrizulta li l-obbligazzjoni tal-ftehim bejn il-partijiet kellha tigi esegwita fic-Cittadella, Ghawdex. Dan ma hu kontestat mill-attrici bl-ebda mod.

Ghaldaqstant, din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata qeghda tigi milqugha u ai termini tal-Artiklu 741(b) tal-Kapitolu 12 din il-Qorti ghalhekk qed tordna illi l-atti jigu assenjati lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri Sezzjoni Generali.

***(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur